



Brussell, 9 ta' Diċembru 2022
(OR. en)

15623/22

**Fajl Interistituzzjonali:
2022/0338(NLE)**

PROCIV 149	ATO 102
ENV 1248	CSC 561
JAI 1617	ECOFIN 1279
SAN 650	CSCI 189
COSI 315	DATAPROTECT 346
CHIMIE 100	MI 912
ENFOPOL 619	CODEC 1916
RECH 645	COPS 581
CT 220	JAIEX 103
DENLEG 93	COPEN 430
COTER 297	IND 533
RELEX 1657	POLMIL 297
ENER 654	IPCR 116
HYBRID 116	DIGIT 231
TRANS 768	DISINFO 102
CYBER 397	CSDP/PSDC 848
TELECOM 512	MARE 71
ESPACE 125	POLMAR 78

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 13713/22, 15454/22	
Suġġett:	RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL dwar approċċ ikkoordinat mal-Unjoni kollha biex tissaħħaħ ir-reżiljenza tal-infrastruttura kritika

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar approċċ ikkoordinat mal-Unjoni kollha biex tissaħħaħ ir-reżiljenza tal-infrastruttura kritika, kif adottata mill-Kunsill fit-3920 laqgħa tiegħu li saret fit-8 ta' Diċembru 2022.

RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2022/...

ta'...

dwar approċċ ikkoordinat mal-Unjoni kollha biex tissaħħaħ ir-reżiljenza tal-infrastruttura kritika

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 114 u l-Artikolu 292, l-ewwel u t-tieni sentenza, tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Bl-għan li jiġi żgurat il-funzjonament tas-suq intern, huwa fl-interess tal-Istati Membri kollha u tal-Unjoni kollha kemm hi li tiġi identifikata b'mod ċar u titħares l-infrastruttura kritika rilevanti li tipprovdi servizzi essenzjali f'dak is-suq, speċjalment f'setturi ewlenin, bħall-enerġija, l-infrastruttura diġitali, it-trasport u l-ispazju, kif ukoll l-infrastruttura kritika b'rilevanza transfruntiera sinifikanti¹, li t-tfixkil tagħha jista' jkollu impatt sinifikanti fuq Stati Membri oħrajn.

¹ Jenħtieġ li l-Istati Membri jivvalutaw tali rilevanza f'konformità mal-prattiki nazzjonali tagħhom u jistgħu jagħmlu dan fuq il-bażi ta', fost fatturi oħrajn, il-valutazzjoni tar-riskju u l-impatt u n-natura tal-avveniment.

- (2) Din ir-Rakkomandazzjoni, li hija att mhux vinkolanti, turi r-rieda politika tal-Istati Membri li jikkooperaw flimkien u l-impenn tagħhom għall-miżuri rakkomandati, enfasizzat fi pjan ta' ħames punti maħruġ mill-President tal-Kummissjoni Ewropea, filwaqt li tirrispetta bis-sħiħ il-kompetenzi tal-Istati Membri. Din ir-Rakkomandazzjoni ma taffettwax il-protezzjoni tal-interessi essenzjali tas-sigurtà nazzjonali, is-sigurtà pubblika jew id-difiża tal-Istati Membri u ebda Stat Membru ma għandu jkun mistenni li jikkondividi informazzjoni li hija ta' ħsara għal dawk l-interessi.
- (3) Filwaqt li primarjament huma l-Istati Membri u l-operaturi tal-infrastruttura kritika tagħhom li huma responsabbli li jiżguraw is-sigurtà u l-provvediment ta' servizzi essenzjali mill-infrastruttura kritika, hi xierqa koordinazzjoni miżjuda fil-livell tal-Unjoni speċjalment fid-dawl tat-theddid li qed jevolvi li jista' jkollu impatt fuq diversi Stati Membri simultanjament, bħall-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna u l-kampanji ibridi kontra Stati Membri, jew jaffettwa r-reżiljenza u l-funzjonament tajjeb tal-ekonomija, is-suq uniku u s-soċjetà tal-Unjoni kollha kemm hi. Jenħtieġ li tingħata attenzjoni partikolari lill-infrastruttura kritika barra mit-territorju tal-Istati Membri, bħall-infrastruttura kritika taħt il-baħar jew l-infrastruttura tal-enerġija lil hinn mill-kosta.
- (4) Il-Kunsill Ewropew, fil-konklużjonijiet tiegħu tal-20 u l-21 ta' Ottubru 2022, ikkundanna bil-qawwa l-atti ta' sabotaġġ kontra l-infrastruttura kritika, bħal dawk kontra l-pipelines Nord Stream, li jindikaw ir-rieda tal-Unjoni li tilqa' għal kwalunkwe tfixkil intenzjonat tal-infrastruttura kritika jew azzjonijiet ibridi oħra b'rispons magħqud u determinat.

- (5) Fid-dawl tax-xenarju ta' theddid li qed jevolvi malajr, jenħtieġ li jittieħdu miżuri li jsaħħu r-reżiljenza bħala kwistjoni ta' prijorità f'setturi ewlenin bħall-enerġija, l-infrastruttura diġitali, it-trasport u l-ispazju, u f'setturi rilevanti oħra identifikati mill-Istati Membri. Jenħtieġ li tali miżuri jikkonċentraw fuq it-tisħiħ tar-reżiljenza tal-infrastruttura kritika filwaqt li jqisu r-riskji rilevanti, speċjalment l-effetti kaskata, it-tfixkil fil-katina tal-provvista, id-dipendenza, l-impatti tat-tibdil fil-klima, il-bejjiegħa u s-sħab mhux affidabbli, u t-theddid u l-kampanji ibridi fosthom il-manipulazzjoni tal-informazzjoni u interferenza minn barranin. Fid-dawl tal-konsegwenzi possibbli, f'dak li għandu x'jaqsam mal-infrastruttura kritika nazzjonali jenħtieġ li tingħata prijorità lill-infrastruttura kritika b'rilevanza transfruntiera sinifikanti. L-Istati Membri huma mħeġġa jipprovdu tali miżuri li jsaħħu r-reżiljenza, fejn xieraq, bħala kwistjoni ta' urġenza, filwaqt li jżommu l-approċċ stabbilit fil-qafas legali li qed jevolvi.

- (6) Il-protezzjoni tal-infrastruttura kritika Ewropea fis-setturi tal-enerġija u tat-trasport bħalissa hija rregolata mid-Direttiva tal-Kunsill 2008/114/KE², u s-sigurtà tan-networks u tas-sistemi tal-informazzjoni madwar l-Unjoni ffukata fuq it-theddid relatat maċ-ċibernetika hija żgurata mid-Direttiva (UE) 2016/1148 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³. Bil-ħsieb li jiġi żgurat livell komuni oġġla ta' reżiljenza u l-protezzjoni tal-infrastruttura kritika, taċ-ċibersigurtà u tas-suq finanzjarju, il-qafas legali eżistenti qed jiġi emendat u ssupplimentat bl-adozzjoni ta' regoli ġodda applikabbli għall-entitajiet kritiċi (id-"Direttiva CER"), regoli msaħħa għal livell komuni għoli ta' ċibersigurtà madwar l-Unjoni (id-"Direttiva NIS2") u regoli ġodda applikabbli għar-reżiljenza operazzjonali diġitali għas-settur finanzjarju ("DORA").
- (7) Jenħtieġ li l-Istati Membri, f'konformità mad-dritt tal-Unjoni u nazzjonali, jużaw l-għodod kollha disponibbli biex jimxu 'l quddiem u jgħinu fit-tisħiħ tar-reżiljenza fiżika u ċibernetika. B'rabta ma' dan, l-infrastruttura kritika jenħtieġ li tinftiehem li tinkludi infrastruttura kritika rilevanti identifikata minn Stat Membru fil-livell nazzjonali jew indikata bħala infrastruttura kritika Ewropea skont id-Direttiva 2008/114/KE kif ukoll entitajiet kritiċi li jridu jiġu identifikati skont id-Direttiva CER jew, fejn rilevanti, entitajiet skont id-Direttiva NIS2. Il-kunċett ta' reżiljenza jenħtieġ li jinftiehem bħala li jirreferi għall-kapaċità ta' infrastruttura kritika li tipprevjeni, tipproteġi kontra, tirrispondi għal, tirreżisti, ittaffi, tassorbi, takkomoda jew tirkupra minn avvenimenti li jfixklu b'mod sinifikanti jew li għandhom il-potenzjal li jfixklu b'mod sinifikanti l-forniment ta' servizzi essenzjali fis-suq intern, jiġifieri servizzi li huma kruċjali għaż-żamma ta' funzjonijiet soċjetali u ekonomiċi essenzjali, għas-sikurezza u s-sigurtà pubblika, is-saħħa tal-popolazzjoni jew l-ambjent.

² Id-Direttiva tal-Kunsill 2008/114/KE tat-8 ta' Diċembru 2008 dwar l-identifikazzjoni u l-indikazzjoni tal-Infrastruttura Kritika Ewropea u l-valutazzjoni tal-ħtieġa għat-titjib tal-ħarsien tagħhom (ĠU L 345, 23.12.2008, p. 75).

³ Id-Direttiva (UE) 2016/1148 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Lulju 2016 dwar miżuri għal livell għoli komuni ta' sigurtà tan-networks u tas-sistemi tal-informazzjoni madwar l-Unjoni (ĠU L 194, 19.7.2016, p. 1).

- (8) Jenħtieġ li l-esperti nazzjonali jiltaqgħu sabiex jikkoordinaw il-ħidma biex jinkiseb livell komuni ogħla ta' reżiljenza u protezzjoni għall-infrastruttura kritika li jrid jiġi introdott permezz tar-regoli l-ġodda applikabbli għall-entitajiet kritiċi. Dik il-ħidma koordinata ser tippermetti l-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri u l-kondiviżjoni ta' informazzjoni dwar attivitajiet bħall-elaborazzjoni ta' metodoloġiji biex jiġu identifikati s-servizzi essenzjali pprovduti minn infrastruttura kritika. Il-Kummissjoni diġà bdiet tlaqqa' lil dawk l-esperti u tiffaċilita ħidmiethom, u għandha l-ħsieb li tkompli din il-ħidma. Ladarba d-Direttiva CER tkun daħlet fis-seħħ u jkun ġie stabbilit Grupp għar-Reżiljenza ta' Entitajiet Kritiċi skont dik id-Direttiva, jenħtieġ li din il-ħidma antiċipatorja titkompla minn dak il-grupp f'konformità mal-kompiti tiegħu.
- (9) Filwaqt li jiġi rikonoxxut ix-xenarju tat-theddid mibdul, jenħtieġ li jkompli jiġi żviluppat il-potenzjal tat-twettiq ta' simulazzjonijiet ta' kriżi tal-infrastruttura kritika fil-livell nazzjonali peress li simulazzjonijiet bħal dawn jistgħu jkunu utli għat-tisħiħ tar-reżiljenza tal-infrastruttura kritika. Fir-rigward tal-importanza speċifika tas-settur tal-enerġija, u l-konsegwenzi għall-Unjoni kollha li jirriżultaw mit-tfixkil possibbli tiegħu, dak is-settur jista' jibbenefika l-aktar mit-twettiq ta' simulazzjonijiet ta' kriżi fuq il-bażi ta' prinċipji maqbula b'mod komuni. Simulazzjonijiet bħal dawn jaqgħu fil-kompetenza tal-Istati Membri, li jenħtieġ li jinkoraggjixxu u jappoġġaw lill-operaturi tal-infrastruttura kritika biex iwettqu dawn is-simulazzjonijiet, fejn dawn jiġu vvalutati bħala ta' benefiċċju u f'konformità mal-oqfsa legali nazzjonali tagħhom.

- (10) Sabiex jiġi żgurat rispons koordinat u effettiv għat-theddid attwali u antiċipat, il-Kummissjoni hija mħeġġa tipprovdi appoġġ addizzjonali lill-Istati Membri, b'mod partikolari billi tipprovdi informazzjoni rilevanti fil-forma ta' sessjonijiet ta' taġġir, u manwali u linji gwida mhux vinkolanti. Jenħtieġ li s-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE), b'mod partikolari permezz taċ-Ċentru tal-Intelligence u tas-Sitwazzjonijiet tal-UE u ċ-Ċellola ta' Fużjoni kontra t-Theddid Ibridu tiegħu, bl-appoġġ tad-Direttorat tal-Intelligence tal-Istat Maġġur tal-Unjoni Ewropea (EUMS) fil-qafas tal-Kapaċità Unika ta' Analiżi tal-Intelligence (SIAC), jipprovdi valutazzjonijiet tat-theddid. Il-Kummissjoni hija mistiedna wkoll, f'kooperazzjoni mal-Istati Membri, biex tippromwovi l-adozzjoni ta' proġetti ta' riċerka u innovazzjoni ffinanzjati mill-Unjoni.
- (11) Hekk kif qed tiżdied l-interdipendenza tal-infrastruttura fiżika u dik diġitali, huwa possibbli għall-attivitajiet ċibernetiċi malizzjużi mmirati lejn oqsma kritiċi li jirriżultaw fi tfixkil jew ħsara għall-infrastruttura fiżika, jew għas-sabotaġġ tal-infrastruttura fiżika biex irendu s-servizzi diġitali inaċċessibbli. L-Istati Membri huma mistiedna jaċċelleraw il-ħidma ta' thejġija għat-traspożizzjoni u l-applikazzjoni tal-qafas legali l-ġdid applikabbli għall-entitajiet kritiċi u l-qafas legali msaħħaħ għaċ-ċibersigurtà, filwaqt li jibnu fuq l-esperjenza miksuba fil-Grupp ta' Kooperazzjoni stabbilit mid-Direttiva (UE) 2016/1148 ("il-Grupp ta' Kooperazzjoni tal-NIS"), malajr kemm jista' jkun, filwaqt li jitqiesu l-limiti ta' żmien għat-traspożizzjoni, u jenħtieġ li tali ħidma ta' thejġija tavvanza b'mod parallel u koerenti.

- (12) Minbarra t-titjib tat-tnejjija, huwa importanti wkoll li jissaħħu l-kapaċitajiet ta' rispons rapidu u effettiv għal tfixkil tas-servizzi essenzjali pprovduti minn infrastruttura kritika. Għaldaqstant, din ir-Rakkomandazzjoni tinkludi miżuri kemm fil-livell tal-Unjoni kif ukoll f'dak nazzjonali, inkluż billi tenfasizza r-rwol ta' appoġġ u l-valur miżjud li jista' jinkiseb permezz tal-introduzzjoni ta' kooperazzjoni msaħħa u tal-iskambju ta' informazzjoni fil-kuntest tal-Mekkaniżmu tal-UE għall-Protezzjoni Ċivili (UCPM) stabbilit bid-Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴ u permezz tal-użu ta' assi rilevanti tal-Programm Spazjali tal-Unjoni stabbilit skont ir-Regolament (UE) 2021/696 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁵.
- (13) Il-Kummissjoni, ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà (ir-"Rappreżentant Għoli") u l-Grupp ta' Kooperazzjoni tal-NIS f'kooperazzjoni mal-korpi u l-aġenziji ċivili u militari rilevanti u n-networks stabbiliti, inkluż in-network Ewropew ta' organizzazzjonijiet ta' kollegament dwar il-kriżi ċibernetika (EU-CyCLONe), għandhom iwettqu evalwazzjoni tar-riskju u jibnu xenarji ta' riskju. Barra minn hekk, b'segwitu għas-Sejħa Ministerjali Konġunta ta' Nevers, bħalissa qed issir valutazzjoni tar-riskju mill-Grupp ta' Kooperazzjoni tal-NIS, bl-għajnuna tal-Kummissjoni u l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għaċ-Ċibersigurtà (ENISA), u f'kooperazzjoni mal-Korp ta' Regolaturi Ewropej tal-Komunikazzjonijiet Elettroniċi (BEREC). Dawk iż-żewġ eżerċizzji ser ikunu konsistenti u kkoordinati mal-eżerċizzju ta' bini ta' xenarji fi ħdan il-UCPM, li jinkludi avvenimenti ta' ċibersigurtà u l-impatt tagħhom fuq il-ħajja reali, li bħalissa qed jiġi żviluppat mill-Kummissjoni u mill-Istati Membri. Fl-interess tal-effiċjenza, l-effettività u l-konsistenza, u għall-applikazzjoni tajba ta' din ir-Rakkomandazzjoni, ir-riżultati ta' dawk l-eżerċizzji suppost li jiġu riflessi fil-livell nazzjonali.

⁴ Id-Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 924).

⁵ Ir-Regolament (UE) 2021/696 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' April 2021 li jistabbilixxi l-Programm Spazjali tal-Unjoni u l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Programm Spazjali u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 912/2010, (UE) Nru 1285/2013 u, (UE) Nru 377/2014 u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE (ĠU L 170, 12.5.2021, p. 69).

- (14) Sabiex issaħħaħ minnufih it-tħejjija u l-kapaċità ta' rispons għal inċidenti ċibernetiċi fuq skala kbira, il-Kummissjoni stabbiliet programm fuq medda qasira ta' żmien biex tappoġġa l-Istati Membri, permezz ta' finanzjament addizzjonali allokat lill-ENISA. Is-servizzi proposti jinkludu, fost oħrajn, azzjonijiet ta' tħejjija, bħall-ittestjar tal-penetrazzjoni ta' entitajiet sabiex jiġu identifikati l-vulnerabbiltajiet. Il-programm jista' jsaħħaħ ukoll il-possibbiltajiet ta' assistenza lill-Istati Membri f'każ ta' inċident ta' ċibersigurtà fuq skala kbira li jaffettwa l-entitajiet kritiċi. Dan huwa l-ewwel pass f'konformità mal-konklużjonijiet tal-Kunsill tat-23 ta' Mejju 2022 dwar l-iżvilupp tal-qagħda taċ-ċibersigurtà tal-Unjoni Ewropea (il-"konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-qagħda taċ-ċibersigurtà tal-UE") li jitolbu lill-Kummissjoni tressaq proposta għal Fond għal Emerġenzi Ċibernetiċi. Jenħtieġ li l-Istati Membri jagħmlu użu sħiħ minn dawk l-opportunitajiet, f'konformità mar-rekwiżiti applikabbli, u huma mħeġġa jkomplu l-ħidma fil-qasam tal-ġestjoni tal-kriżijiet ċibernetiċi tal-Unjoni, b'mod partikolari billi jissorveljaw u jevalwaw b'mod regolari l-progress miksub fl-implimentazzjoni tal-Pjan Direzzjonali għall-Ġestjoni ta' Kriżijiet Ċibernetiċi żviluppat reċentement fil-Kunsill. Dak il-Pjan Direzzjonali huwa dokument ħaj u għandu jiġi rivedut u aġġornat, meta jkun meħtieġ.

- (15) Il-kejbils ta' komunikazzjoni globali ta' taħt il-baħar huma essenzjali għall-konnettività globali u fi ħdan l-UE. Minħabba t-tul sinifikanti ta' tali kejbils u l-installazzjoni tagħhom f'qiegħ il-baħar, il-monitoraġġ viżwali taħt l-ilma għall-biċċa l-kbira tas-sezzjonijiet tal-kejbils huwa estremament diffiċli. Il-ġuriżdizzjoni kondiviża u kwistjonijiet ġuriżdizzjonali oħra b'rabta ma' tali kejbils jirrappreżentaw każ speċifiku għall-kooperazzjoni Ewropea u internazzjonali rigward il-protezzjoni u l-irkupru tal-infrastruttura. Għaldaqstant huwa meħtieġ li l-valutazzjonijiet tar-riskju li għaddejjin u daww ippjanati dwar l-infrastruttura diġitali u dik fiżika li jirfdu s-servizzi diġitali jiġu kkomplementati b'valutazzjonijiet tar-riskju speċifiku u għażliet għal miżuri ta' mitigazzjoni li jikkonċernaw kejbils ta' komunikazzjoni taħt il-baħar. L-Istati Membri jistiednu lill-Kummissjoni twettaq studji għal dak l-għan u taqsam is-sejbiet tagħha mal-Istati Membri.
- (16) Is-setturi tal-enerġija u tat-trasport jistgħu jiġu milquta wkoll minn theddid relatat mal-infrastruttura diġitali, pereżempju, b'rabta mat-teknoloġiji tal-enerġija li jinkorporaw komponenti diġitali. Is-sigurtà tal-ktajjen tal-provvista assoċjati hija importanti għall-kontinwità tal-provvista tas-servizzi essenzjali u għall-kontroll strateġiku tal-infrastruttura kritika fis-settur tal-enerġija. Jenħtieġ li dawn iċ-ċirkustanzi jitqiesu meta jittieħdu miżuri biex tissaħħaħ ir-reżiljenza tal-infrastruttura kritika f'konformità ma' din ir-Rakkomandazzjoni.

- (17) L-importanza dejjem tikber tal-infrastruttura spazjali, l-assi tal-art relatati mal-ispazju, inkluż il-faċilitajiet tal-produzzjoni, u s-servizzi bbażati fl-ispazju għal attivitajiet relatati mas-sigurtà tagħmilha essenzjali li jiġu żgurati r-reżiljenza u l-protezzjoni tal-ispazju tal-Unjoni u tal-assi u s-servizzi tagħha relatati mal-art fl-Unjoni. Għall-istess raġunijiet, huwa essenzjali wkoll, fil-qafas ta' din ir-Rakkomandazzjoni, li jsir użu aktar strutturat tad-data u s-servizzi bbażati fl-ispazju, li huma pprovduti minn sistemi u programmi spazjali għas-sorveljanza u l-insekwiment u għall-protezzjoni tal-infrastruttura kritika f'setturi oħra. L-Istrateġija Spazjali tal-UE għas-Sigurtà u d-Difiża l-ġdida ser tipproponi azzjonijiet adatti f'dan ir-rigward, li jenħteġ li jitqiesu fl-implimentazzjoni ta' din ir-Rakkomandazzjoni.
- (18) Hija meħtieġa wkoll kooperazzjoni fil-livell internazzjonali sabiex jiġu indirizzati b'mod effettiv ir-riskji għall-infrastruttura kritika, fost l-oħrajn, fl-ilmijiet internazzjonali. Għaldaqstant, l-Istati Membri huma mistiedna jikkooperaw mal-Kummissjoni u mar-Rappreżentant Għoli biex jieħdu ċerti passi sabiex tinkiseb tali kooperazzjoni, filwaqt li jqisu li kwalunkwe pass bħal dan għandu jittieħed biss f'konformità mal-kompiti u r-responsabbiltajiet rispettivi tagħhom skont id-dritt tal-Unjoni, b'mod partikolari d-dispożizzjonijiet tat-Trattati dwar ir-relazzjonijiet esterni.

- (19) Kif stabbilit fil-Komunikazzjoni tagħha tal-15 ta' Frar 2022 intitolata "Kontribut tal-Kummissjoni għad-difiża Ewropea", b'appoġġ għall-Boxxla Strateġika għas-Sigurtà u d-Difiża - Għal Unjoni Ewropea li tipproteġi liċ-ċittadini, il-valuri u l-interessi tagħha u tikkontribwixxi għall-paċi u s-sigurtà internazzjonali, il-Kummissjoni ser tivvaluta l-Linji ta' Referenza Settorjali għar-Reżiljenza Ibrida f'kooperazzjoni mar-Rappreżentant Għoli u mal-Istati Membri, billi tidentifika l-lakuni u l-ħtiġijiet kif ukoll il-passi biex dawn jiġu indirizzati sal-2023. Jenħtieġ li dik l-inizjattiva sservi ta' bażi għall-ħidma skont din ir-Rakkomandazzjoni, billi tgħin biex jissaħħu l-kondiviżjoni tal-informazzjoni u l-koordinazzjoni tal-azzjoni, għal aktar tisħiħ tar-reżiljenza, inkluż dik tal-infrastruttura kritika.
- (20) L-Istrateġija tal-2014 dwar is-Sigurtà Marittima tal-UE u l-Pjan ta' Azzjoni Rivedut tagħha appellaw għall-protezzjoni akbar tal-infrastruttura marittima kritika, inkluż taħt l-ilma, u b'mod partikolari l-infrastruttura tat-trasport, tal-enerġija u tal-komunikazzjoni marittima, fost oħrajn billi tissaħħaħ is-sensibilizzazzjoni marittima permezz ta' interoperabbiltà mtejba u skambju ta' informazzjoni simplifikat (mandatorju u volontarju). Dik l-Istrateġija u dak il-Pjan ta' Azzjoni bħalissa qed jiġu aġġornati, u ser jinkludu azzjonijiet imsaħħa li għandhom l-għan li jipproteġu l-infrastruttura marittima kritika. Dawk l-azzjonijiet jenħtieġ li jikkomplementaw din ir-Rakkomandazzjoni.

- (21) It-tisħiħ tar-reżiljenza tal-infrastruttura kritika jikkontribwixxi għal sforzi usa' biex jiġu miġġielda t-theddid u l-kampanji ibridi kontra l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha. Din ir-Rakkomandazzjoni tibni fuq il-Komunikazzjoni Konġunta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill intitolata "Qafas Konġunt biex jiġi miġġieled it-theddid ibridu – reazzjoni tal-Unjoni Ewropea". L-Azzjoni 1 tal-Qafas Konġunt, jiġifieri l-Istħarriġ dwar ir-Riskju Ibridu, taqdi rwol ewlieni fl-identifikazzjoni tal-vulnerabbiltajiet li potenzjalment jaffettwaw l-istrutturi u n-networks nazzjonali u pan-Ewropej. Barra minn hekk, l-implimentazzjoni tal-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-21 ta' Ġunju 2022 dwar Qafas għal rispons koordinat tal-UE għal kampanji ibridi ser tipprevedi azzjoni koordinata aktar b'saħħitha permezz tal-applikazzjoni tas-Sett ta' Għodod tal-UE kontra Theddid Ibridu fl-oqsma kollha affettwati.

ADOTTA DIN IR-RAKKOMANDAZZJONI:

KAPITOLU I: GĦAN, KAMP TA' APPLIKAZZJONI U PRIJORITIZZAZZJONI

- (1) Din ir-Rakkomandazzjoni tistabbilixxi sensiela ta' azzjonijiet immirati fil-livell tal-Unjoni u dak nazzjonali biex jappoġġaw u jtejbu r-reżiljenza tal-infrastruttura kritika, fuq bażi volontarja, b'enfasi fuq infrastruttura kritika b'rilevanza transfruntiera sinifikanti u f'setturi ewlenin identifikati, bħall-enerġija, l-infrastruttura diġitali, it-trasport u l-ispazju. Dawk l-azzjonijiet immirati jikkonsistu fi thejjiġja mtejbja, rispons imsaħħaħ u kooperazzjoni internazzjonali.
- (2) L-informazzjoni kondiviża sabiex jintlaħqu l-oġġettivi ta' din ir-Rakkomandazzjoni, li hija kunfidenzjali skont ir-regoli tal-Unjoni u dawk nazzjonali, kif ukoll ir-regoli dwar il-kunfidenzjalità tan-negozju, jenħtieġ li tiġi skambjata mal-Kummissjoni u ma' awtoritajiet rilevanti oħra biss meta dak l-iskambju jkun meħtieġ għall-applikazzjoni tajba ta' din ir-Rakkomandazzjoni. Din ir-Rakkomandazzjoni ma taffettwax il-protezzjoni tal-interessi essenzjali tas-sigurtà nazzjonali, is-sigurtà pubblika jew id-difiża tal-Istati Membri, u ebda Stat Membru ma għandu jkun mistenni li jikkondividi informazzjoni li tmur kontra dawn l-interessi.

KAPITOLU II: TĦEJJIJA MSAĦĦA

Azzjonijiet fil-livell tal-Istati Membri

- (3) Jenħtieġ li l-Istati Membri jikkunsidraw approċċ li jkopri l-perikli kollha meta jaġġornaw il-valutazzjonijiet tar-riskju tagħhom jew l-analiżijiet ekwivalenti eżistenti tagħhom, f'konformità man-natura li qed tevolvi tat-theddid attwali għall-infrastruttura kritika tagħhom, speċjalment f'setturi ewlenin identifikati u, fejn possibbli, fis-setturi kollha koperti mill-qafas legali għdid li jmiss applikabbli għall-entitajiet kritiċi.

- (4) L-Istati Membri huma mistiedna jaċċelleraw il-ħidma preparatorja u jadottaw miżuri li jsaħħu r-reżiljenza, fejn possibbli, skont il-mandat tal-qafas legali futur applikabbli għall-entitajiet kritiċi, b'enfasi partikolari fuq il-kooperazzjoni u l-kondiviżjoni tal-informazzjoni rilevanti fost l-Istati Membri u mal-Kummissjoni, fuq l-identifikazzjoni ta' entitajiet kritiċi b'rilevanza transfruntiera sinifikanti u fuq it-tiżiħ tal-appoġġ għall-entitajiet kritiċi identifikati sabiex tittejjeb ir-reżiljenza tagħhom.
- (5) Jenħtieġ li l-Istati Membri jappoġġaw it-taħriġ u l-eżerċizzji tal-esperti u l-kondiviżjoni bejn l-esperti tal-aħjar prattiki u t-tagħlimiet meħuda. Jenħtieġ li l-Istati Membri jħeġġu lill-esperti jipparteċipaw fi pjattaformi ta' taħriġ eżistenti, kemm nazzjonali kif ukoll internazzjonali, pereżempju taħt il-UCPM.
- (6) Jenħtieġ li l-Istati Membri jħeġġu u jappoġġaw lill-operaturi tal-infrastruttura kritika, tal-anqas fis-settur tal-enerġija, biex iwettqu simulazzjonijiet ta' kriżi, skont il-prinċipji maqbula b'mod komuni fil-livell tal-Unjoni, fejn dawn ikunu ta' benefiċċju. Is-simulazzjonijiet ta' kriżi jenħtieġ li jivvalutaw ir-reżiljenza tal-infrastruttura kritika kontra t-theddid antagonistiku kkawżat mill-bniedem. Għalhekk, l-Istati Membri jenħtieġ li jimmiraw li jidentifikaw l-infrastruttura kritika rilevanti li għandha tiġi ttestjata u jikkonsultaw ma' operaturi tal-infrastruttura kritika rilevanti malajr kemm jista' jkun, u mhux aktar tard minn tmiem l-ewwel trimestru tal-2023. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-Istati Membri jappoġġaw lill-operaturi tal-infrastruttura kritika sabiex iwettqu dawk it-testijiet malajr kemm jista' jkun u jkollhom l-għan li jlestuhom sa tmiem l-2023, f'konformità mal-liġi nazzjonali. Il-Kunsill biħsiebu jivvaluta s-sitwazzjoni attwali tas-simulazzjonijiet ta' kriżi sal-aħħar ta' April 2023.

- (7) Minħabba t-theddid li qed jevolvi malajr għall-infrastruttura kritika, iż-żamma tal-livell għoli ta' protezzjoni tagħha hija ta' importanza vitali. L-Istati Membri huma mħeġġa jallokaw biżżejjed riżorsi finanzjarji biex isaħħu l-kapaċitajiet tal-awtoritajiet nazzjonali rilevanti tagħhom u jappoġġawhom, sabiex ikunu jistgħu jsaħħu r-reżiljenza tal-infrastruttura kritika. L-Istati Membri huma mħeġġa wkoll jallokaw biżżejjed riżorsi finanzjarji lill-awtoritajiet responsabbli għall-ġestjoni ta' inċidenti taċ-ċibersigurtà fuq skala kbira biex jappoġġawhom, u jiżguraw li t-timijiet tagħhom ta' rispons għal inċidenti relatati mas-sigurtà tal-kompjuters (CSIRTs) u l-awtoritajiet kompetenti jiġu mobilizzati bis-sħiħ fin-Network tas-CSIRTs u l-EU-CyCLONe, rispettivament.
- (8) L-Istati Membri huma mistiedna, f'konformità mar-rekwiżiti applikabbli, biex jagħmlu użu minn opportunitajiet potenzjali ta' finanzjament fil-livell tal-Unjoni u dak nazzjonali biex isaħħu r-reżiljenza tal-infrastruttura kritika fl-Unjoni għalhom infushom, u wkoll biex jinkoraġġixxu lill-operaturi tal-infrastruttura kritika biex jagħmlu użu minn tali opportunitajiet ta' finanzjament, inkluż pereżempju networks trans-Ewropej, kontra l-firxa sħiħa ta' theddid sinifikanti, b'mod partikolari fi ħdan il-programmi ffinanzjati mill-Fond għas-Sigurtà Interna stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/1149 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁶, il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali stabbilit bir-Regolament (UE) Nru 1301/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁷, il-UCPM u l-Pjan REPowerEU tal-Kummissjoni. L-Istati Membri huma mħeġġa wkoll jagħmlu l-aħjar użu mir-riżultati tal-proġetti rilevanti taħt programmi ta' riċerka, bħal Orizzont Ewropa stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/695 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁸.

⁶ Ir-Regolament (UE) 2021/1149 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Lulju 2021 li jistabbilixxi l-Fond għas-Sigurtà Interna (ĠU L 251, 15.7.2021, p. 94).

⁷ Ir-Regolament (UE) Nru 1301/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi li jikkonċernaw l-Investiment li għandu fil-mira t-tkabbir ekonomiku u l-impjiegi, u li jirrevoka r-Regolament (KE) Nru 1080/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 289).

⁸ Ir-Regolament (UE) 2021/695 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' April 2021 li jistabbilixxi l-Orizzont Ewropa – il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, li jistabbilixxi r-regoli tiegħu għall-parteċipazzjoni u d-disseminazzjoni, u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1290/2013 u (UE) Nru 1291/2013 (ĠU L 170, 12.5.2021, p. 1).

- (9) Fir-rigward tal-infrastruttura tal-komunikazzjoni u tan-networks fl-Unjoni, il-Grupp ta' Kooperazzjoni tal-NIS huwa mistieden, filwaqt li jaġixxi f'konformità mal-Artikolu 11 tad-Direttiva (UE) 2016/1148, iħaffef il-ħidma li qed iwettaq abbażi tas-Sejħa Ministerjali Konġunta ta' Nevers dwar valutazzjoni tar-riskju mmirata u jenħtieġ li jippreżenta l-ewwel rakkomandazzjonijiet mill-aktar fis possibbli. Dik il-valutazzjoni tar-riskju jenħtieġ li tipprovdi informazzjoni għall-evalwazzjoni li għaddejja tar-riskju ċibernetiku transsettorjali u għax-xenarji mitluba mill-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-qagħda taċ-ċibersigurtà tal-UE. Barra minn hekk, dik il-ħidma jenħtieġ li ssir billi jiġu żgurati l-koerenza u l-komplementarjetà mal-ħidma mwettqa mill-fergħa ta' ħidma tal-Grupp ta' Kooperazzjoni tal-NIS fuq is-sigurtà tal-katina tal-provvista tat-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni kif ukoll minn gruppi rilevanti oħra.
- (10) Il-Grupp ta' Kooperazzjoni tal-NIS huwa mistieden ukoll, bl-appoġġ tal-Kummissjoni u tal-ENISA, biex ikompli l-ħidma tiegħu dwar is-sigurtà tal-infrastruttura diġitali, inkluż fir-rigward tal-infrastruttura ta' taħt il-baħar, jiġifieri l-kejbils ta' komunikazzjoni taħt il-baħar. Mistieden ukoll jibda l-ħidma tiegħu fuq is-settur spazjali, inkluż billi jħejji, fejn meħtieġ, gwida politika u metodoloġiji ta' ġestjoni tar-riskju taċ-ċibersigurtà bbażati fuq approċċ għall-perikli kollha u approċċ ibbażat fuq ir-riskju għall-operaturi fis-settur spazjali bl-għan li tiżdied ir-reżiljenza tal-infrastruttura bbażata fuq l-art li tappoġġa l-forniment ta' servizzi bbażati fl-ispazju.

- (11) Jenħtieġ li l-Istati Membri jużaw b'mod sħiħ is-servizzi ta' tħejjija taċ-ċibersigurtà offruti fil-programm ta' appoġġ tal-Kummissjoni fuq perjodu qasir implimentat mal-ENISA, pereżempju l-ittestjar tal-penetrazzjoni għall-identifikazzjoni tal-vulnerabbiltajiet, u, f'dan il-kuntest, huma mħeġġa jagħtu prijorità lill-entitajiet li joperaw infrastruttura kritika fis-setturi tal-enerġija, tal-infrastruttura diġitali u tat-trasport.
- (12) Jenħtieġ li l-Istati Membri jagħmlu użu sħiħ miċ-Ċentru Ewropew ta' Kompetenza fil-qasam taċ-Ċibersigurtà (ECCC). Jenħtieġ li l-Istati Membri jħeġġu liċ-Ċentri ta' Koordinazzjoni Nazzjonali tagħhom jinvolve ruħhom b'mod proattiv mal-membri tal-komunità taċ-ċibersigurtà biex jibnu l-kapaċità fil-livell tal-Unjoni u f'dak nazzjonali biex jappoġġaw aħjar lill-operaturi ta' servizzi essenzjali.
- (13) Huwa importanti li l-Istati Membri jiksibu l-implimentazzjoni tal-miżuri rakkomandati fis-Sett ta' Għodod tal-UE għas-Sigurtà tal-5G u b'mod partikolari li l-Istati Membri jippromulgaw restrizzjonijiet fuq il-fornituri ta; riskju għoli, meta jitqies li telf ta' ħin jista' jżid il-vulnerabbiltà tan-networks fl-Unjoni, u jsaħħu wkoll il-protezzjoni fiżika u mhux fiżika ta' partijiet kritiċi u sensittivi tan-networks 5G, inkluż permezz ta' kontrolli stretti tal-aċċess. Barra minn hekk, l-Istati Membri, f'kooperazzjoni mal-Kummissjoni, jenħtieġ li jivvalutaw il-ħtieġa għal azzjoni komplementari sabiex jiġi żgurat livell konsistenti ta' sigurtà u reżiljenza tan-networks 5G.

- (14) L-Istati Membri flimkien mal-Kummissjoni u l-ENISA jenħtieġ li jikkonċentraw fuq l-implimentazzjoni tal-konklużjonijiet tal-Kunsill tas-17 ta' Ottubru 2022 dwar is-sigurtà tal-katina tal-provvista tal-ICT.
- (15) Jenħtieġ li l-Istati Membri jqisu l-kodiċi tan-network li ġej għall-aspetti taċ-ċibersigurtà tal-flussi transfruntiera tal-elettriku[...] fuq il-bażi tal-esperjenza miksuba bl-implimentazzjoni tad-Direttiva (UE) 2016/1148 u l-gwida rilevanti mogħtija mill-Grupp ta' Kooperazzjoni tal-NIS, speċjalment id-Dokument ta' Referenza tiegħu dwar il-miżuri ta' sigurtà għall-Operaturi ta' Servizzi Essenzjali.
- (16) Jenħtieġ li l-Istati Membri jiżviluppaw l-użu ta' Copernicus, Galileo u s-Sistema Ewropea ta' Navigazzjoni b'Kopertura Ġeostazzjonarja (EGNOS) għas-sorveljanza sabiex jikkondividu l-informazzjoni rilevanti mal-esperti mlaqqgħin skont il-punt 15. Jenħtieġ li jsir użu tajjeb tal-kapaċitajiet offruti mill-Komunikazzjonijiet Governattivi bis-Satellita tal-Unjoni (GOVSATCOM) tal-Programm Spazjali tal-Unjoni għall-monitoraġġ tal-infrastruttura kritika u l-appoġġ għat-tbassir tal-kriżijiet u r-rispons għalihom.

Azzjonijiet fil-livell tal-Unjoni

- (17) Id-djalogu u l-kooperazzjoni bejn l-esperti maħtura tal-Istati Membri u mal-Kummissjoni jenħtieġ li jissaħħu, bil-ħsieb li tissaħħaħ ir-reżiljenza fiżika tal-infrastruttura kritika, b'mod partikolari billi:
- (a) jikkontribwixxu għat-tħejjija, l-iżvilupp u l-promozzjoni ta' għodod volontarji komuni biex jappoġġaw lill-Istati Membri fit-tisħiħ ta' tali reżiljenza, fosthom metodoloġiji u xenarji ta' riskju;
 - (b) jappoġġaw lill-Istati Membri fl-implimentazzjoni tal-qafas legali l-ġdid applikabbli għall-entitajiet kritiċi, inkluż billi jħeġġu lill-Kummissjoni tadotta l-att delegat fil-ħin;
 - (c) jappoġġaw it-twettiq tas-simulazzjonijiet ta' kriżi msemija fil-punt 6, abbażi ta' princijpi komuni, li jibdew b'tali simulazzjonijiet li jiffukaw fuq theddid antagonistiku magħmul mill-bniedem fis-settur tal-enerġija u sussegwentement f'setturi ewlenin oħra, kif ukoll jappoġġaw u jipprovdu pariri dwar it-twettiq ta' tali simulazzjonijiet ta' kriżi, fuq talba ta' Stat Membru;
 - (d) jużaw kwalunkwe pjattaforma sigura, ladarba tkun ġiet stabbilita mill-Kummissjoni, biex jiġbru, jevalwaw u jikkondividu, fuq bażi volontarja, l-aħjar Prattiki, it-tagħlimiet meħuda mill-esperjenzi nazzjonali u informazzjoni oħra relatata ma' tali reżiljenza.
- Il-ħidma ta' dawk l-esperti maħtura jenħtieġ li tagħti attenzjoni partikolari lid-dipendenzi transsettorjali u lill-infrastruttura kritika b'rilevanza transfruntiera sinifikanti, u jenħtieġ li titkompla fil-Kunsill u l-Kummissjoni, fejn meħtieġ.

- (18) L-Istati Membri huma mħeġġa jużaw kwalunkwe appoġġ offrut mill-Kummissjoni, pereżempju permezz ta' tħejjija ta' manwal u linji gwida bħal Manwal dwar il-Protezzjoni tal-Infrastruttura Kritika u l-Ispazji Pubbliċi kontra Sistemi ta' Inġenji tal-Ajru Mingħajr Ekwipaġġ, u għodod għall-valutazzjonijiet tar-riskju. Is-SEAE, b'mod partikolari permezz ta' Ċentru tal-Intelligence u tas-Sitwazzjonijiet tal-UE u ċ-Ċellola ta' Fużjoni kontra t-Theddid Ibridu tiegħu, bl-appoġġ tad-Direttorat tal-Intelligence tal-EUMS fil-qafas tas-SIAC, hu mitlub jagħmel sessjonijiet ta' tagħrif dwar it-theddid għall-infrastruttura kritika fl-Unjoni sabiex jittejjeb l-għarfien tas-sitwazzjoni.
- (19) Jenħtieġ li l-Istati Membri jappoġġaw azzjonijiet meħuda mill-Kummissjoni biex tadotta r-riżultati ta' proġetti dwar ir-reżiljenza ta' infrastruttura kritika iffinanzjati fil-qafas tal-programmi ta' riċerka u innovazzjoni tal-Unjoni. Il-Kunsill jieħu nota tal-intenzjoni tal-Kummissjoni li żżid, fi ħdan il-baġit allokati għal Orizzont Ewropa taħt il-qafas finanzjarju pluriennali 2021-2027, il-finanzjament għal tali reżiljenza, mingħajr ħsara għall-finanzjament tal-proġetti l-oħra ta' riċerka u innovazzjoni relatati mas-sigurtà ċivili taħt Orizzont Ewropa.

- (20) Minħabba l-kompiti stipulati fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Qagħda taċ-Ċibersigurtà, il-Kummissjoni, ir-Rappreżentant Għoli u l-Grupp ta' Kooperazzjoni tal-NIS huma mistiedna jintensifikaw, f'konformità mal-kompiti u r-responsabbiltajiet rispettivi tagħhom skont id-dritt tal-Unjoni, il-ħidma man-networks u l-korpi u l-aġenziji ċivili u militari rilevanti fit-twettiq tal-evalwazzjoni tar-riskju u l-bini ta' xenarji ta' riskju taċ-ċibersigurtà, billi jitqiesu b'mod partikolari l-importanza tal-enerġija, tal-infrastruttura diġitali, tal-infrastruttura tat-trasport u tal-ispazju u l-interdipendenzi bejn is-setturi u l-Istati Membri. Jenħtieġ li dak l-eżerċizzju jqis ir-riskji relatati għall-infrastruttura li fuqha jiddependu dawk is-setturi. Fejn ikun ta' benefiċċju, l-evalwazzjoni u x-xenarji tar-riskju jistgħu jitwettqu fuq bażi regolari u jenħtieġ li jikkomplementaw, jibnu fuq u jevitaw duplikazzjoni ma' valutazzjonijiet tar-riskju eżistenti jew ippjanati f'dawk is-setturi u jinfurmaw lid-diskussjonijiet dwar kif tista' tissaħħaħ ir-reżiljenza ġenerali tal-entitajiet li joperaw infrastruttura kritika u kif jiġu indirizzati l-vulnerabbiltajiet.

- (21) Il-Kummissjoni hija mistiedna taċċellera l-attivitajiet tagħha, f'konformità mal-kompiti rispettivi tagħha fl-ambitu tal-ġestjoni tal-kriżijiet ċibernetiċi, dwar l-appoġġ għat-tnejn u r-rispons tal-Istati Membri għall-inċidenti taċ-ċibersigurtà fuq skala kbira, u b'mod partikolari:
- (a) twettaq studju komprensiv⁹, sabiex tikkomplementa l-valutazzjonijiet tar-riskju rilevanti fil-kuntest tas-Sigurtà tan-Networks u tal-Infommazzjoni, li jkollha l-infrastruttura taħt il-baħar, jgħid li l-kejbils ta' komunikazzjoni taħt il-baħar, li jikkollegaw lill-Istati Membri kif ukoll lill-Ewropa globalment u jenħtieġ li s-sejbiet tiegħu jgħu kondiviżi mal-Istati Membri;
 - (b) tappoġġa t-tnejn u r-rispons tal-Istati Membri u tal-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji tal-Unjoni għal inċidenti taċ-ċibersigurtà fuq skala kbira jew inċidenti kbar, f'konformità mal-qafas legali msaħħaħ għaċ-ċibersigurtà u regoli applikabbli rilevanti oħra¹⁰;
 - (c) taċċellera l-kunċett ewlieni tal-Fond ta' Emerġenza Ċibernetika b'diskussjoni xierqa mal-Istati Membri.
- (22) Il-Kummissjoni hija mħeġġa: tintensifika l-ħidma fuq azzjoni antiċipatorja orjentata lejn il-futur, inkluż b'kollaborazzjoni mal-Istati Membri skont l-Artikoli 6 u 10 tad-Deċiżjoni 1313/2013/UE, u fil-forma ta' ppjanar ta' kontinġenza biex tappoġġa t-tnejn operazzjonali u r-rispons taċ-Ċentru ta' Koordinazzjoni tar-Reazzjoni f'każ ta' Emerġenza (ERCC) għal tfixkil tal-infrastruttura kritika; iżżid l-investimenti f'approċċi preventivi u t-tnejn tal-popolazzjoni; u żżid l-appoġġ relatat mat-tisħiħ tal-kapaċitajiet taħt in-Network tal-Unjoni ta' Għarfien dwar il-Protezzjoni Ċivili.

⁹ Jenħtieġ li dan l-istudju jinkludi l-immappjar tal-kapaċitajiet u r-ridondanzi, il-vulnerabbiltajiet, it-theddid u r-riskji għad-disponibbiltà tas-servizz tagħha, l-impatt tal-perjodu ta' qtugħ tal-kejbils (trans-Atlantiċi) taħt il-baħar għall-Istati Membri u l-Unjoni kollha kemm hi u l-mitigazzjoni tar-riskju, filwaqt li titqies is-sensittività ta' tali informazzjoni u l-ħtieġa li tiġi protetta.

¹⁰ Jenħtieġ li tingħata wkoll attenzjoni partikolari lill-attivitajiet kollha li jħejju għal rispons ikkoordinat effettiv fil-livell tal-Unjoni fil-każ ta' inċident ċibernetiku kbir transfruntier jew theddida relatata li jista' jkollhom impatt sistemiku fuq is-settur finanzjarju tal-Unjoni, skont il-mandat tal-qafas legali l-ġdid dwar ir-reżiljenza operazzjonali diġitali.

- (23) Jenħtieġ li l-Kummissjoni trawwem l-użu tal-assi ta' sorveljanza tal-Unjoni (Copernicus, Galileo u EGNOS) biex tappoġġa lill-Istati Membri fil-monitoraġġ tal-infrastruttura kritika, u fejn rilevanti l-viċinanzi immedjati tagħhom, u biex tappoġġa għażliet oħra ta' sorveljanza previsti fil-Programm Spazjali tal-Unjoni, bħall-Għarfien tas-Sitwazzjoni fl-Ispazju u oqfsa ta' Sorveljanza u Insegwiment fl-Ispazju tal-UE.
- (24) Fejn rilevanti u f'konformità mal-mandati rispettivi tagħhom, l-aġenziji tal-Unjoni u korpi rilevanti oħra huma mitluba jipprovdu appoġġ dwar kwistjonijiet relatati mar-reżiljenza tal-infrastruttura kritika, b'mod partikolari kif ġej:
- (a) l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (EUROPOL) rigward il-ġbir ta' informazzjoni, l-analiżi kriminali u l-appoġġ investigattiv f'azzjonijiet transfruntiera ta' infurzar tal-liġi u, fejn rilevanti u xieraq, il-kondiviżjoni tal-eżiti mal-Istati Membri;
- (b) l-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima (EMSA) dwar kwistjonijiet relatati mas-sigurtà u s-sikurezza tas-settur marittimu fl-Unjoni, inkluż is-servizzi ta' sorveljanza marittima għal kwistjonijiet relatati mas-sigurtà u s-sikurezza marittima;
- (c) l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Programm Spazjali (EUSPA) u ċ-Ċentru Satellitari tal-UE (SatCen) jistgħu jkunu f'pożizzjoni li jassistu permezz ta' operazzjonijiet fi ħdan il-Programm Spazjali tal-Unjoni;
- (d) l-ECCC fir-rigward tal-attivitajiet relatati maċ-ċibersigurtà, anke f'kooperazzjoni mal-ENISA, tista' tappoġġa l-innovazzjoni u l-politika industrijali fiċ-ċibersigurtà.

KAPITOLU III: RISPONS IMSAĦĦAĦ

Azzjonijiet fil-livell tal-Istati Membri

(25) L-Istati Membri huma mistiedna:

- (a) ikomplu l-koordinazzjoni tar-rispons tagħhom, fejn rilevanti, u jżommu l-ħarsa ġenerali tar-rispons transsettorjali għal tfixkil akut ta' servizzi essenzjali pprovduti minn infrastruttura kritika. Dan jista' jsir fil-qafas ta': Pjan ta' Azzjoni futur dwar rispons koordinat għal tfixkil tal-infrastruttura kritika b'rilevanza transfruntiera sinifikanti; l-arranġamenti eżistenti tar-Rispons Politiku f'Sitwazzjonijiet ta' Kriżi (IPCR) għall-koordinazzjoni tar-rispons politiku fir-rigward tal-infrastruttura kritika b'rilevanza transfruntiera; il-Pjan ta' Azzjoni għal inċidenti u kriżijiet taċ-ċibersigurtà fuq skala kbira skont ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1584¹¹; EU-CyCLONe; fil-Qafas għal reazzjoni koordinata tal-UE għal kampanji ibridi u s-Sett ta' Għodod tal-UE kontra Theddid Ibridu fil-każ ta' theddid u kampanji ibridi; u fis-Sistema ta' Twissija Rapida fil-każ ta' diżinformazzjoni;
- (b) iżidu l-iskambju ta' informazzjoni fil-livell operazzjonali mal-ERCC fi ħdan il-kuntest tal-UCPM sabiex titjieb it-twissija bikrija u biex jikkoordinaw ir-rispons tagħhom fl-ambitu tal-UCPM f'każ ta' tfixkil tal-infrastruttura kritika b'rilevanza transfruntiera sinifikanti, biex b'hekk tkun żgurata reazzjoni aktar rapida ffaċilitata mill-Unjoni meta tkun meħtieġa;
- (c) iżidu d-disponibbiltà tagħhom li jirrispondu, fejn rilevanti, permezz ta' għodod eżistenti jew li għad iridu jiġu żviluppati għal tali tfixkil sinifikanti msemmi fil-punt (a);

¹¹ Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1584 tat-13 ta' Settembru 2017 dwar Rispons Koordinat għal Inċidenti u Kriżijiet taċ-Ċibersigurtà fuq Skala Kbira (ĠU L 239, 19.9.2017, p. 36).

- (d) jipparteċipaw fl-iżvilupp ulterjuri tal-kapaċitajiet ta' rispons rilevanti fir-Riżerva Ewropea ta' Protezzjoni Ċivili (ECPP) u rescEU;
- (e) jinkoraġġixxu lill-operaturi ta' infrastruttura kritika u lill-awtoritajiet nazzjonali rilevanti biex itejbu l-kapaċitajiet tagħhom biex ikunu jistgħu jirrestawraw malajr prestazzjoni bażika tas-servizzi essenzjali pprovduti minn dawk l-operaturi ta' infrastruttura kritika;
- (f) jinkoraġġixxu lill-operaturi ta' infrastruttura kritika, biex meta jkunu qed jibnu l-infrastruttura kritika tagħhom mill-ġdid, jibnuha biex tkun kemm jista' jkun reżiljenti, filwaqt li titqies il-proporzjonalità tal-miżuri fir-rigward tal-valutazzjonijiet tar-riskju u l-kostijiet, mal-firxa sħiħa ta' riskji sinifikanti li jistgħu japplikaw għaliha, inkluż f'xenarji klimatiċi avversi.

- (26) L-Istati Membri huma mistiedna jaċċelleraw il-ħidma preparatorja, fejn possibbli, kif inkarigati mill-qafas legali msaħħaħ dwar iċ-ċibersigurtà, bl-għan li jtejbu il-kapaċitajiet tal-Iskwadri ta' Rispons għal Inċidenti relatati mas-CSIRTs nazzjonali, bil-ħsieb tal-kompiti l-ġodda tas-CSIRTs kif ukoll l-għadd akbar ta' entitajiet minn setturi ġodda, jirrieżaminaw u jaġġornaw l-istrateġiji taċ-ċibersigurtà tagħhom f'waqthom u jadottaw malajr kemm jista' jkun pjanijiet nazzjonali ta' rispons għal inċidenti u kriżijiet taċ-ċibersigurtà, jekk mhux diġà jeżistu.
- (27) L-Istati Membri huma mistiedna jqisu, fil-livell nazzjonali, l-aktar mezzi rilevanti biex jiżguraw li l-partijiet ikkonċernati rilevanti jkunu konxji tal-ħtieġa li tiġi avvanzata r-reżiljenza tal-infrastruttura kritika permezz ta' kooperazzjoni ma' bejjiegħa u sħab fdati. Huwa importanti li jsir investiment f'kapaċità addizzjonali, speċjalment fis-setturi fejn l-infrastruttura attwali tinsab fi tmiem il-ħajja tagħha, pereżempju infrastruttura tal-kejbils ta' komunikazzjoni taħt il-baħar, biex tkun tista' tiġi żgurata l-kontinwità tal-forniment ta' servizzi essenzjali f'każ ta' tfixkil, u biex jitnaqqsu d-dipendenzi mhux mixtieqa.
- (28) L-Istati Membri huma mhegħa jagħtu attenzjoni lill-komunikazzjoni strateġika proattiva fil-livell nazzjonali fil-kuntest tal-ġlieda kontra t-theddid u l-kampanji ibridi, u minħabba l-involvement potenzjali tal-avversarji f'manipulazzjoni tal-informazzjoni u interferenza minn barranin billi jsawru n-narrattivi dwar inċidenti mmirati lejn infrastruttura kritika.

Azzjonijiet fil-livell tal-Unjoni

- (29) Il-Kummissjoni hija mistiedna taħdem mill-qrib mal-Istati Membri, biex tkompli tiżviluppa l-korpi, l-istrumenti u l-kapaċitajiet ta' rispons rilevanti, bil-ħsieb li tissaħħaħ it-tnejn operazzjonali biex jiġu indirizzati l-effetti immedjati u indiretti ta' tfixkil sinifikanti tas-servizzi essenzjali rilevanti pprovduti minn infrastruttura kritika, b'mod partikolari esperti u riżorsi disponibbli permezz tal-ECPP u rescEU taħt l-UCPM jew Timijiet futuri ta' Rispons Rapidu kontra Theddid Ibridu.
- (30) Filwaqt li tqis ix-xenarju ta' theddid li qed jevolvi u f'kooperazzjoni mal-Istati Membri, il-Kummissjoni, fil-kuntest tal-UCPM, hija mistiedna:
- (a) tanalizza u tittestja kontinwament l-adekwatezza u l-livell ta' tnejn operazzjonali tal-kapaċitajiet ta' rispons eżistenti;
 - (b) timmonitorja u tidentifika regolarment lakuni potenzjalment sinifikanti fil-kapaċità ta' rispons fil-kapaċitajiet tal-ECPP u rescEU;
 - (c) tkompli tintensifika l-kollaborazzjoni transsettorjali biex tiżgura rispons adegwat fil-livell tal-Unjoni, u torganizza taħriġ u eżerċizzji regolari biex tittestja tali kollaborazzjoni f'kooperazzjoni ma' Stat Membru wieħed jew aktar;
 - (d) tkompli tiżviluppa aktar l-ERCC bħala ċ-ċentru transsettorjali ta' emerġenza fil-livell tal-Unjoni għall-koordinazzjoni tal-appoġġ lill-Istati Membri affettwati.

- (31) Il-Kunsill huwa impenjat li jagħti bidu għall-ħidma bil-ħsieb li japprova Pjan ta' Azzjoni dwar rispons koordinat għal tfixkil ta' infrastruttura kritika b'rilevanza transfruntiera sinifikanti, li jiddeskrivi u jistabbilixxi l-oġġettivi u l-modi ta' kooperazzjoni bejn l-Istati Membri u l-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni fir-rispons għal inċidenti kontra tali infrastruttura kritika. Il-Kunsill jistenna b'interess l-abbozz tal-Kummissjoni għat-tali Pjan ta' Azzjoni, li jibni fuq l-appoġġ u l-kontributi tal-aġenziji rilevanti tal-Unjoni. Il-Pjan ta' Azzjoni għandu jkun koerenti u interoperabbli għalkollox mal-protokoll operazzjonali rivedut tal-Unjoni għall-ġlieda kontra t-theddid ibridu ("Playbook tal-UE") u jqis il-Pjan ta' Azzjoni eżistenti dwar rispons koordinat għal inċidenti u kriżijiet taċ-ċibersigurtà transfruntiera fuq skala kbira¹² u l-mandat ta' EU-CyCLONe stipulat fid-Direttiva NIS2 u jevita d-duplikazzjoni tal-istrutturi u l-attivitajiet. Jenħtieġ li dak il-Pjan ta' Azzjoni jirrispetta bis-sħiħ l-arranġamenti tal-IPCR għall-koordinazzjoni tar-rispons.

¹² Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1584 tat-13 ta' Settembru 2017 dwar Rispons Koordinat għal Inċidenti u Kriżijiet taċ-Ċibersigurtà fuq Skala Kbira.

- (32) Il-Kummissjoni hija mistiedna tikkonsulta l-partijiet ikkonċernati u esperti rilevanti dwar miżuri xierqa fir-rigward ta' inċidenti sinifikanti possibbli rigward infrastruttura taħt il-baħar, li għandhom jiġu ppreżentati flimkien mal-istudju ta' evalwazzjoni imsemmi fil-punt 20(a), kif ukoll biex jiġu elaborati aktar l-ippjanar ta' kontinġenza, ix-xenarji ta' riskju, u l-għanijiet tal-Unjoni marbuta mar-reżiljenza għad-diżastri stipulati fid-Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE.

KAPITOLU IV: KOOPERAZZJONI INTERNAZZJONALI

Azzjonijiet fil-livell tal-Istati Membri

- (33) Jenħtieġ li l-Istati Membri jikkooperaw, fejn xieraq u f'konformità mad-dritt tal-Unjoni, ma' pajjiżi terzi rilevanti fir-rigward tar-reżiljenza ta' infrastruttura kritika b'rilevanza transfruntiera sinifikanti.
- (34) L-Istati Membri huma mħeġġa jikkooperaw mal-Kummissjoni u mar-Rappreżentant Għoli sabiex jindirizzaw b'mod effettiv ir-riskji għall-infrastruttura kritika fl-ilmijiet internazzjonali.
- (35) L-Istati Membri huma mistiedna jikkontribwixxu, f'kooperazzjoni mal-Kummissjoni u mar-Rappreżentant Għoli, għall-iżvilupp u għall-implimentazzjoni aċċellerati tas-Sett ta' Għodod tal-UE kontra Theddid Ibridu u tal-linji gwida ta' implimentazzjoni msemmija fil-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-21 ta' Ġunju 2022 dwar Qafas għal reazzjoni koordinata tal-UE għal kampanji ibridi u jużawhom sussegwentement biex jagħtu effett sħiħ lill-Qafas għal rispons koordinat tal-UE għal kampanji ibridi, b'mod partikolari meta jikkunsidraw u jħejju risponsi komprensivi u koordinati tal-Unjoni għal kampanji ibridi u theddid ibridu, inkluż dawk kontra operaturi ta' infrastruttura kritika.

Azzjonijiet fil-livell tal-Unjoni

- (36) Il-Kummissjoni u r-Rappreżentant Għoli huma mistiedna jappoġġaw, fejn xieraq u f'konformità mal-kompiti u r-responsabbiltajiet rispettivi tagħhom skont id-dritt tal-Unjoni, pajjiżi terzi rilevanti biex tissaħħaħ ir-reżiljenza tal-infrastruttura kritika fit-territorju tagħhom u b'mod partikolari l-infrastruttura kritika li hija fiżikament konnessa mat-territorju tagħhom u dak ta' Stat Membru.
- (37) Il-Kummissjoni u r-Rappreżentant Għoli, f'konformità mal-kompiti u r-responsabbiltajiet rispettivi tagħhom skont id-dritt tal-Unjoni, ser isaħħu l-koordinazzjoni man-NATO dwar ir-reżiljenza tal-infrastruttura kritika ta' interess komuni permezz tad-djalogu strutturat bejn l-UE u n-NATO dwar ir-reżiljenza, b'rispett sħiħ tal-kompetenzi tal-Unjoni u tal-Istati Membri skont it-Trattati u l-prinċipji ewlenin li jiggwidaw il-kooperazzjoni bejn l-UE u n-NATO kif maqbula mill-Kunsill Ewropew, b'mod partikolari r-reċiproċità, l-inklużività u l-awtonomija tat-teħid tad-deċiżjonijiet. F'dan il-kuntest, dik il-kooperazzjoni ser titmexxa 'l quddiem fi ħdan id-Djalogu Strutturat bejn l-UE u n-NATO dwar ir-Reżiljenza, inkorporat fil-mekkaniżmu eżistenti bejn il-persunal rispettiv għall-implimentazzjoni tad-Dikjarazzjonijiet Konġunti, filwaqt li tiġi żgurata t-trasparenza sħiħa u l-involviment sħiħ tal-Istati Membri kollha.

- (38) Il-Kummissjoni hija mistiedna tikkunsidra l-parteċipazzjoni ta' rappreżentanti ta' pajjiżi terzi rilevanti, fejn meħtieġ u xieraq, fil-qafas tal-kooperazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri fil-qasam tar-reżiljenza ta' infrastruttura kritika li hija fiżikament konnessa mat-territorju ta' Stat Membru u dak ta' pajjiż terz.

Magħmul fi ..., ...

Għall-Kunsill

Il-President
